# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 1789/2015 SM**

**fl-ismijiet:**

***Untours Insurance Agency Ltd.***
**(C – 5655)**

**vs.**

***GasanMamo Insurance Ltd.***

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-19 ta' Novembru, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll fl-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur:

2.1. Akkoljiet provizorjament it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

2.2. Ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontroparti ghar-risposta fit-terminu hemm indikat;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikati (ara foll 1 u 5), kif sussegwentement emendat wara rikors appozitu tas-socjeta` intimata datat il-25 ta' Novembru, 2015, (ara foll 17 u 18);

3. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet flimkien ma' l-abbli rapprezentant legali ta' terza parti direttament involuta bl-ezitu ta' l-istess;

Ikkunsidrat:

4.0. Illi permezz ta' l-imsemmi rikors guramentat promotur fuq riferit is-socjeta` rikorrenti sintetikament elenkat il-pretensjonijiet taghha bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-istess socjeta` rikorrenti tissottometti li ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

4.2. Illi bil-ghan li tipprotegi dawn id-drittijiet taghha s-socjeta` rikorrenti tixtieq izzomm lis-socjeta` intimata milli:

4.2.1. Tiehu, b'mod dirett jew indirett, klijenti taghha;

4.2.2. Tezercita l-brakkonagg, ("*poaching*"), ta' klijenti;

4.2.3. Tigi inibita b'mod generali milli b'xi mod tkompli tbiegh poloz t'assigurazzjoni *tramite "Tied Insurance Intermediaries"* tas-socjeta` rikorrenti, izda b'mod aktar specifiku fir-rigward ta' Josette Bugeja;

5.0. Illi r-restrizzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti qeghdin jintalbu ghas-segwenti ragunijiet:

5.1. Illi l-kontendenti ffirmaw ftehim ta’ kunfidenzjalita` datat is-26 ta’ Mejju, 2015;

5.2. Illi l-imsemmi ftehim riferit fil-paragrafu precedenti gie pprezentat in atti wara rikors appozitu u digriet konsegwenzjali, t-tnejn datati z-19 ta’ Novembru, 2015, biex l-istess ftehim ikun accessibbli biss ghal qorti u ghall-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara fol 10 u 11);

5.3. Illi a bazi tal-istess ftehim indikat fil-paragrafu precedenti, s-socjeta` intimata obbligat ruhha li:

5.3.1. Izzomm kunfidenzjali kull informazzjoni naxxenti mill-imsemmi ftehim;

5.3.2. Ma tiehux klijenti tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi *nonostante* l-imsemmi ftehim datat is-26 ta’ Mejju, 2015, konkluz bejn is-socjetajiet kontendenti, is-socjeta` rikorrenti ssostni sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi s-socjeta` intimata kissret il-ftehim *de quo* billi pprovat tiehu klijenti tas-socjeta` rikorrenti;

6.2. Illi l-istess socjeta` intimata uzat informazzjoni mghoddija lilha kunfidenzjalment, u dan, bi ksur ta’ l-imsemmi ftehim;

6.3. Illi dan l-agir tas-socjeta` intimata jikkostitwixxi ksur ta’ l-imsemmi ftehim;

6.4. Illi *nonostante* li interpellata biex tiddesisti minn agir bhal dan, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament issostni s-segwenti:

7.1. Illi fil-25 ta’ Mejju, 2015, is-socjeta` rikorrenti avvicinat lil dik intimata bl-ghan li jidhlu f’relazzjoni kummercjali flimkien;

7.2. Illi wara diskussjonijiet fir-rigward, l-ghada s-26 ta’ Mejju, 2015 il-partijiet iffirmaw ftehim appozitu biex tigi protetta l-kunfidenzjalita` ta’ l-informazzjoni li talvolta tista` tigi skambjata bejniethom;

7.3. Illi konsegwenti ghall-istess, is-socjeta` rikorrenti ghaddiet dokumentazzjoni u figuri generali lil dik intimata dwar il-posizzjoni finanzjarja taghha;

7.4. Illi sussegwentement l-istess socjetajiet involuti ffirmaw ukoll *Memorandum of Understanding*;

7.5. Illi minkejja l-istess, is-socjeta` intimata finalment ghazlet li ma tikkonkludix il-ftehim awspikat ghall-kollaborazzjoni kontrattwali mas-socjeta` rikorrenti;

7.6. Illi din id-decizjoni tas-socjeta` intimata kienet finalment formalizzata permezz t’ittra datata l-15 ta’ Lulju, 2015, meta avzat lis-socjeta` rikorrenti bid-decizjoni finali taghha fir-rigward;

7.7. Illi f’dawn it-trattattivi qatt ma gew skambjati dettalji jew informazzjoni sensittiva dwar klijenti jew intermedjarji fuq riferiti;

7.8. Illi l-intermedjarja maqbuda bejn iz-zewg kontendenti inghatat il-*fiat* u l-permessi kollha necessarji mill-Awtorita` Finanzjarja lokali kompetenti biex hi tkun tista` regolarment tinhall minn mas-socjeta` rikorrenti u tibni relazzjoni kummercjali u finanzjarja gdida mas-socjeta` intimata;

7.9. Illi effettivament, is-socjeta` rikorrenti m’ghaddiet l-ebda informazzjoni kummercjali u/jew finanzjarja jew rilevanti ghall-procedura odjerna lis-socjeta` intimata;

7.10. Illi r-relazzjoni bejn l-intermedjarja fuq riferita mhix ibbazata fuq xi informazzjoni kunfidenzjali fir-rigward;

7.11. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata mhix tikser il-ftehim *de quo* rigwardanti l-kunfidenzjalita` ffirmat mill-kontendenti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi essenzjalment il-vertenza in dizamina hi ppernjata fuq is-segwenti:

8.1. Illi s-socjetajiet kontendenti kienu qed jittrattaw xi forma ta' kollaborazzjoni fis-suq ta' l-assikurazzjoni;

8.2. Illi biex il-partijiet iserrhu rashom li sussegwenti ghal dawn it-trattattivi l-partijiet ma jabbuzawx minn xi informazzjoni li tkun giet esposta lilhom, ghazlu li jiffirmaw dak li huma t-tnejn jindikaw bhala *"confidentiality agreement"*;

8.3. Illi *nonostante* l-esplorazzjoni inizzjali, l-awspikata relazzjoni m'avveratx ruhha *stante* li s-socjeta` intimata ghazlet li tiddesisti;

8.4. Illi jirrizulta li fil-frattemp intermedjarja partikolari riferita mill-partijiet li qabel kienet topera mas-socjeta` rikorrenti ghazlet li ma tibqax hekk inkatenata u minflok ghazlet li tibda taghti s-servizzi taghha mas-socjeta` intimata;

8.5. Illi jirrizulta assodat li tali procedura kienet debitament skrutinizzata mill-Awtorita` Finanzjarja lokali kompetenti li rrilaxxat il-*fiat* ikkunsidrat taghha fir-rigward;

8.6. Illi *di piu`*, ghalkemm is-socjeta` rikorrenti tallega li dik intimata b'xi mod kissret il-klawsola relattiva ghall-kunfidenzjalita` fl-operat in dizamina, din l-allegazzjoni ma rrizultatx ipprovata fil-livell rikjest mill-ligi, *stante* li l-intermedjarja in dizamina ghazlet unilateralment li ma tibqax marbuta mas-socjeta` rikorrenti u minflok, liberament tallaccja ruhha ma dik intimata;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi tenut kont tas-suespost, il-procedura odjerna hi limitata u arginata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artiklu sintetikament jippostula s-segwenti:

9.1. Illi l-procedura odjerna hi specifikament intiza biss biex izzomm persuna milli taghmel xi haga – tkun xi tkun – li tista` tohloq pregudizzju jew hsara immedjata lil dik il-parti li titlob il-hrug tal-mandat *de quo*;

9.2. Illi ghalhekk, biex tali mandat ikun jista` jinhareg skont il-ligi, il-parti lanjata ghandha tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament:

9.2.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet vantati mis-socjeta` rikorrenti;

9.2.2. Illi jrid jigi wkoll assodat li s-socjeta` rikorrenti ghandha ta' lanqas dawk id-drittijiet pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-kontestazzjoni in dizamina hi limitata ghas-socjetajiet kontendenti;

11. Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti tallega ksur da parti tas-socjeta` intimata tal-klawsola kontrattwali rigwardanti l-kunfidenzjalita`, din l-allegazzjoni ma tirrizultax li giet debitament ipprovata skont il-ligi;

12. Illi jirrizulta aktar plawsibbli li l-azzjoni specjali odjerna inoltrata kontra s-socjeta` intimata hi aktar intiza biex trasversalment tolqot lill-intermedjarja fuq riferita li fil-perjodu immedjatament qabel ma bdew in-negozjati bejn is-socjetatjiet kontendenti hi ghazlet li ma tibqax tahdem mas-socjeta` rikorrenti u ghazlet li minflok tassocja ruhha ma dik intimata;

13. Illi din id-decizjoni tidher li hi frott ta' l-ghazla esklussiva ta' l-istess intermedjarja *de quo* li ghaddiet mill-gharbiel serju u efficjenti ta' l-Awtorita` Finanzjarja lokali kompetenti qabel ma kienet awtorizzata taghmel dan il-pass;

**DECIDE:**

14.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti ssodisfat ir-rekwiziti essenzjali tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit, u konsegwentement:

14.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

14.2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha precedenti datat iz-19 ta' Novembru, 2015;

14.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**